**Brincat Anna at Parlament-MT**

| | |
|---|---|
| **From:** | Konrad Mizzi <konrad@konradmizzi.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 31 January 2023 11:27 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Subject:** | Re: Informazzjoni mitluba mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għażiża Ms Brincat,

Nirreferi għall-lista ta' informazzjoni li bgħattli. Tali informazzjoni hija ta' natura teknika u għandha toħroġ milll-qari u interpretazzjoni tal-kuntratti.

Għalhekk ġentilment nirreferi lill-Kumitat għar-rapport tal-Awditur Ġenerali u għall-kuntratti innifishom.

M'għandix aċċess għal aktar informazzjoni.

Tislijiet,

Konrad

---

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT <anna.brincat@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, January 25, 2023 10:28 AM
**To:** Konrad Mizzi <konrad@konradmizzi.com>
**Cc:** Darren Carabott <carabottdarren@gmail.com>
**Subject:** Re: Informazzjoni mitluba mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi

Dr Konrad Mizzi

Kif taf, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li ltaqa' lbieraħ 24 ta' Jannar, talbek sabiex tipprovdih bl-informazzjoni li kont ġejt mitlub tipprovdi waqt ix-xhieda tiegħek fl-aħħar laqgħa tal-Leġiżlatura preċedenti qabel ma xolja l-Parlament.

Ippermettili nfakkrek li l-informazzjoni li kont ġejt mitlub dakinhar hija s-segwenti:

- X'kienet il-konsegwenza fuq ElectroGas talli ma nżammitx id-*deadline* tal-2015 min-naħa tagħhom;

- X'kienet il-penali għal dan id-dewmien;

- Jekk it-€18-il miljun penali li weħlu ElectroGas huwiex il-massimu li jippermetti l-kuntratt, u jekk dawn fil-fatt tħallsux;

- Kemm kien l-ammont li fil-fatt kellhom jeħlu ElectroGas bħala penali;

- X'kienet ir-rata tal-interessi fuq il-penali u minn fejn tirriżulta;

- Jekk skont il-kuntratt Enemalta kenitx intitolata tittermina l-ftehim minħabba li kien hemm dewmien ta' aktar minn sitt xhur, fit-tlestija tal-*power station*, min-naħa ta' ElectroGas;

- Kienx hemm aktar affarijiet li ġew innegozjati fit-trattativi li saru wara li ġie ffirmat il-kuntratt, u jekk iva, x'kienu; u

- X'kienu t-talbiet li għamlu ElectroGas lil Enemalta waqt in-negozjati li saru wara li ġie ffirmat il-kuntratt.

Filwaqt li nirringrazzjak inselli għalik.

Anna

Anna Brincat
Clerk for Public Accounts Committee
Environment and Development Planning Committee
National Audit Office Accounts Committee

**t:** +356 25596308 **e:** anna.brincat@parlament.mt | [www.parlament.mt]www.parlament.mt

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
FREEDOM SQUARE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*